**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru 47/2014**

**Charles Difesa**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Charles Difesa** ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"1. Illi l-esponent applika ghall-licenzja ta' Gwardjan Privat, referenza PG/888/2013.*

*2. Illi l-esponent ircieva ittra datata 27 ta' Marzu 2014, izda tali ittra rceviha f'data hafna aktar tard minn hekk. Din l-ittra ma gietx innotifikata lilu izda kienet notifikata lil certu Matthew Busuttil (DOK CD1).*

*3. Illi huwa gie mgharraf permezz ta' tali ittra li l-applikazzjoni kienet rifjutata ai termini ta' l-artiklu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4. Illi l-fatti kif jafhom ir-rikorrent huma s-segwenti:*

*5. Illi lura ghal meta l-esponent kien ghadu teenager kien wettaq reat li ghalih kien instab hati u l-Qorti imponiet fuqu probation order. Dan jirrisali ghal aktar minn ghoxrin sena.*

*6. Illi dan ir-reat kien jikkonsisti f'reat kontra l-persuna peress li kien ikkaguna ferita fuq persuna.*

*7. Illi min dakinhar 'l hawn, l-esponent qatt ma kellu aktar x'jaqsam mal-Qorti u lanqas ma ghandu kazijiet pendenti ta' din ix-xorta mal-Qorti.*

*8. Illi bid-dovut rispett, il-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija uza l-artiklu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa nuqqas kbir min-naha tieghu u dan ghar-ragunijiet li se jissemmew. Il-Ligi u cioe` il-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, hija cara. L-artiklu 11 (1) jghid illi jekk ir-rifjut ikun taht l-artiklu 10(b) mhuwiex mehtieg li jaghti raguni ghaliex l-applikazzjoni kienet rifjutata.*

*9. Illi r-reat li tieghu kien instab hati kien wiehed kontra l-persuna, u l-ligi titkellem cara hawnhekk ukoll. L-Artiklu 10(a)(v) jsemmi "delitt kontra l-persuna".*

*10. Illi jekk kellu jkun hemm rifjut, dan kellu jsir ai termini ta' l-artiklu 10(a)(v) u jaghti raguni ghalfejn sar dan ir-rifjut u mhux uza l-artiklu 10 (b) biex ikun jista` ma jaghtix raguni ghalfejn irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent. Ghalhekk dan mhux rifjut validu skont il-ligi.*

*11. Illi m'hemmx dubju li tali decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, rragonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti kif ukoll spoporzjonata u dan hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza oderjna.*

*12. Illi ghalhekk, dan it-Tribunal ghandu jhassar tali decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 27 ta' Marzu 2014 u tinhareg licenzja relattiva lir-rikorrent u dan ghaliex l-istess Kummissarju tal-Pulizija minhabba c-cirkostanzi kellu jezercita d-diskrezzjoni tieghu favur l-istess rikorrent.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara in linea ta' revizjoni, li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 24 ta' Marzu 2014, tkun imhassra u dan ghar-ragunijiet suindikati;*
2. *Jordna lill-intimat halli dan johrog il-licenzja ghall-Gwardjan Privat lir-rikorrent.*
3. *Jordna li l-ispejjez ghandhom ikunu kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija.*
4. *Jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportuni fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 23 ta' Gunju 2014 li permezz taghha eccepew s-segwenti:-

*"*

1. *ILLI għal kull buon fini, l-esponent jirrileva li n-numru tal-Karta tal-Identita' tar-rikorrent ma taqbilx man-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna li kienet applikat għal-liċenzja ta' gwardjan privat u li dwarha ingħatat deċiżjoni datata 27 ta' Marzu 2014. Għalhekk huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-*

*rikorrenti jitlob l-korrezzjoni tan-numru tal-Karta tal-Identita' bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

2. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana għaliex għall-kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

3. *ILLI bla preġudizzju mhuwiex minnu li r-rikorrenti kien għadu teenager fiż-żmien tar-reat. Di piu' jaf ben tajjeb illi ma ngħatax ordni ta' probation iżda kien hemm sejbien ta' ħtija permezz ta' sentenza **il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Charles Difesa** datata 4 ta' Settembru 1995 talli attakka Maġistrat fejn ingħata **sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn** bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor f'dak il-perjodu. Tali akkużi ma setgħu qatt jiġu injorati mill-esponenti hu u jiddeċiedi tingħatax il-liċenzja jew le;*

4. *ILLI l-Kummissarju għalhekk kellu jirrifjuta li tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat lil esponenti għaliex dehrlu li ma kienx fl-interess pubbliku li persuna li wettqet tali reat tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat għaliex dehrlu ġustament illi minħabba f'hekk m'għandux karattru affidabbli għal dan it-tip ta' xogħol. Għalhekk huwa irrelevanti meta u kemm ilu li sar il-każ f'dan il-kuntest anke minħabba l-fatt li m'hemm xejn fil-liġi li jindika li l-kummissarju tal-pulizija ma jistax imur lura iktar minn ċertu ammont ta' snin hu u jeżamina l-fedina penali tal-applikant;*

5. *ILLI inoltre' u bla preġudizzju għal dak fuq premess jintqal illi fir-rigward ta' dak li ntqal illi r-rifjut kellu joħroġ ai termini tal-**artikolu 10 (a) (V) tal-Kap 389** jintqal illi l-Kummissarju tal-Pulizija kellu kull dritt u dmir li jirrifjuta taħt l-**artiklu 10 (b) tal-Kap 389** għaliex dehrlu li ma kienx fl-interess pubbliku li tingħata din il-licenzja. Lanqas ma tista' tgħid li ma ngħatatx raġuni għaliex r-raġuni ngħatat u r-rikorrent setgħa jifhem sew x'kienet din ir-raġuni;*

6. *ILLI kull allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti fil-konfront tal-Kummissarju intimat hija fiergħa u gratwita;*

7. *ILLI bla preġudizzju b'referenza għat-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotur jintqal illi r-rikorrent ma setgħa qatt jitlob lil Onorabbli Tribunal jordna li tinħareg l-liċenzja għall- gwardjan privat għaliex qed jitlob lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex joħroġ mis-setgħat mogħtija lilu bil-liġi għaliex ma jistax jassumi d-diskrezzjoni minflok il-kummissarju fejn jordna li tinħareġ liċenzja. Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista' biss jirrevedi att amministrattiv, jirrevoka deċiżjoni u jitlob lil Kumissarju tal-Pulizija f'dan il-każ jerġa jeżamina l-każ iżda qatt ma jista' jordna l-ħruġ ta' liċenzja;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u għal oħrajn li jistgħu jirriżultaw fil-mori tal-kawża, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-verbal tal-21 ta' April 2015 fejn id-difensur tar-rikorrent talbet korrezjoni fin-numru tal-karta tal-identita` tar-rikorrent. Ra li t-Tribunal laqa' l-istess talba u ordna d-debita korrezzjoni;

Ra li fl-istess seduta id-difensur tal-Kummissarju intimat iritrat l-ewwel eccezzjoni;

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;[1]

Ra l-affidavit tar-rikorrent;[2]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-Artikolu 10 (b) fl-interess pubbliku, minhabba sentenza li ghandek fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi **r-rikorrent** xehed permezz ta' affidavit fejn stqarr illi huwa jahdem bhala *full time hawker*. Jghid li fil-passat huwa kellu xi ftit kawzi l-Qorti pero` llum il-gurnata huwa mizzewweg u ghandu zewgt itfal. Jghid li peress li x-xoghol ta' *hawker* sejjer hazin huwa jixtieq jibda jahdem *part time* bhala *security*. Jistqarr illi minkejja l-kondotta tieghu, illum il-gurnata huwa jghix hajja ezemplari.

[1] A fol. 62 sa 66
[2] A fol. 70

Illi **l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** esebiet kemm il-fedina penali u kif ukoll numru ta' sentenzi li nghataw fil-konfront tar-rikorrent. Tghid li jekk wiehed ihares lejn artikolu 2 tal-Kapitolu 389 wiehed isib elenku shih ta' responsabbiltajiet li jista' jkollu gwardjan privat u ghalhekk l-istess individwu jrid ikun ta' karattru affidabbli.

Illi mill-fedina penali[3] jirrizulta illi l-ewwel sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent kienet fl-1988 u l-ahhar wahda fl-2005. Illi l-fedina penali hija wahda kulurita b'ghadd ta' kontravvenzjonijiet izda wkoll anke b'delitti. Illi t-Tribunal iqis li jkun gust li biex tinghata stampa cara jelenka r-reati kommessi mir-rikorrent u li taghhom instab hati, u cioe`:-

1. Permezz ta' sentenza datata 17 ta' Gunju 1988 ir-rikorrent instab hati li espona lilu nnifsu gharwien f'post pubbliku u gie kundannat twiddiba u canfira;
2. Permezz ta' sentenza datata 22 ta' Awissu 1991 ir-rikorrent gie misjub hati li espona ghall-bejgh xi oggetti oltre l-limitu tal-posta ffissata mill-Pulizija u ghal dan gie kkundannat twiddiba u canfira;
3. Permezz ta' sentenza datata 12 ta' Mejju 1994 huwa nstab hati talli ghamel hsara volontarja fuq vettura u ghal dan gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimgha;
4. Permezz ta' sentenza datata 4 ta' Settembru 1995 huwa nstab hati ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna tal-Magistrat Carmelo Farrugia Sacco, ghamel hsara volontarja a dannu tal-istess Magistrat u wkoll li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, ghal-liema reati huwa gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;
5. Permezz ta' sentenza datata 13 ta' Frar 1998 instab hati talli kien espona ghall-bejgh xi oggetti oltre l-limitu tal-posta ffissata mill-Pulizija u talli ma kienx obda l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija u ghal dan gie kkundannat ghaxar liri (Lm10) ammenda;
6. Permezz ta' sentenza datata 9 ta' Mejju 2000 instab hati talli kien espona ghall-bejgh xi oggetti oltre l-limitu tal-posta ffissata mill-Pulizija u talli ma kienx obda l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija u ghal dan gie kkundannat hamsa u ghoxrin lira (Lm25) ammenda;
7. Permezz ta' sentenza datata 19 ta' Lulju 2000 instab hati talli talli kien espona ghall-bejgh xi oggetti oltre l-limitu tal-posta ffissata mill-Pulizija u talli ma kienx obda l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija u ghal dan gie kkundannat  ghoxrin lira (Lm20) multa;

[3] Esebita a fol. 38 sa 42

8. Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Jannar 2001 instab hati li saq vettura b'manjiera traskurata, naqas li jkollu kontroll shih tal-istess vettura u li garr tghabija gewwa l-istess vettura li setghet tikkaguna jew tfixkel il-manuvrar tal-vettura waqt is-sewqan u ghal dan gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimghatejn;
9. Permezz ta' sentenza datata 2 ta' Dicembru 2004 instab hati tar-reat ta' *ragion fattasi* u gie kkundannat hames liri (Lm5) ammenda;
10. Permezz ta' sentenza datata 10 ta' Marzu 2005 instab hati talli kiser il-paci pubblika u talli insulenta u hedded lil terzi u li hebb ghalihom u ghal dan giet imposta fuqu garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk, minn harsa kompleta lejn l-istorja li turi l-fedina penali tar-rikorrent, jirrizulta illi l-istess **xellef difru mal-gustizzja ripetutament** mill-1988 sal-2005, hafna drabi b'reati in konnessjoni max-xoghol tieghu bhala *hawker,* izda mhux biss. Dan jikkuntrasta bil-kbir ma' dak sottomess fir-rikors promutur fejn intqal illi "***Illi lura ghal meta l-esponent kien ghadu teenager kien wettaq reat li ghalih kien instab hati u l-Qorti imponiet fuqu probation order. Dan jirrisali ghal aktar minn ghoxrin sena. Illi dan ir-reat kien jikkonsisti f'reat kontra l-persuna peress li kien ikkaguna ferita fuq persuna. Illi min dakinhar 'l hawn, l-esponent qatt ma kellu aktar x'jaqsam mal-Qorti u lanqas ma ghandu kazijiet pendenti ta' din ix-xorta mal-Qorti."***

Illi t-Tribunal ma jistghax ma jinnutax ukoll it-temperament tar-rikorrent li johrog mis-sentenza tal-1995 meta aggredixxa Magistrat u mis-sentenzi l-ohra ta' *ragion fattasi* u ghar-reat ta' hebb ghal terzi. Min-naha l-ohra huwa minnu wkoll illi l-ahhar reat imwettaq minnu sehh fl-2004.[4] Illi ghalhekk jirrizulta illi l-ahhar darba li wettaq reat li ghalih gie mressaq il-Qorti kien iktar minn hdax-il sena ilu u jirrizulta, *prima facie,* illi r-rikorrent biddel ir-rotta ta' hajtu u ma baqghax ikollu problemi mal-gustizzja.

Illi dan it-Tribunal jirrikonoxxi illi r-reati ta' natura kontravenzjonali ripetuti juru certament disrispett kbir lejn il-ligi u l-Awtoritajiet, u ghalkemm dawn it-tip ta' reati jidher li ma regghux gew ripetuti fl-ahhar snin, l-istess Tribunal meta jghaqqad maghhom ir-reati l-ohra ma jhossx illi r-rikorrent huwa ta' karattru affidabbli bizzejjed biex jezercita r-responsabbiltajiet li gwardjan ghandu vis-à-vis s-socjeta` in generali, fosthom li jkun ta' ezempju biex ic-cittadini jobdu r-regoli u ligijiet biex socjeta` tiffunzjona b'rispett wiehed lejn l-iehor u lejn l-Awtoritajiet.

[4] Ara fedina penali a fol. 41 u 42

Meta cittadin ihares lejn gwardjan privat jew lokali irid jara fih ezempju ta' rispett lejn il-ligi u mhux li hu stess ikun ripetutament kiser l-istess ligi. Illi dan it-Tribunal m'hu konfortat bl-ebda prova dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghar-reati mwettqa mir-rikorrent, anke jekk fl-ahhar mill-ahhar xejn ma jista' jiggustifika li hu wettaqhom.

Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gustifikat meta hareg ir-rifjut tieghu abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tar-responsabbiltajiet li gwardjan privat irid jiffaccja fix-xoghol tieghu. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhala mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista' jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li naghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi f'dan il-kaz partikolari, it-Tribunal ma jsibx illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod mhux gustifikat u dan ghaliex ir-rikorrent, ghal diversi snin, ma kien xejn ezemplari. Jigi ripetut illi wiehed irid jifhem illi x-xoghol ta' gwardjan privat jesponi lill-individwu ghal ghadd ta' cirkostanzi li jistghu ikunu difficli u li jesigu certament kontroll shih tas-sitwazzjonijiet li jsib quddiemu u ma jistghax wiehed ihalli jigru bih l-emozzjonijiet li jsarrfu fl-eghmil ta' azzjonijiet li huwa stess ghandu jara li ma jsirux.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghall-aggravju msemmi mir-rikorrent fir-rikors promutur fejn jishaq illi jekk kellu jkun hemm rifjut, dan kellu jsir ai termini ta' l-artikolu 10 (a) (v) u li l-Kummissarju intimat ma kellux juza l-artikolu 10 (b) biex ikun jista' ma jaghtix raguni ghar-rifjut. Illi artikolu 10 (a) (v) jghid is-segwenti:

*"10. Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant -*

*(v) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt;"*

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Kummissarju intimat ma setghax japplika l-artikolu 10 (a) (v) u dan ghaliex kienu ghaddew iktar minn hames (5)

snin minn meta r-rikorrent kien wettaq reat kontra l-persuna, liema reat twettaq fl-1995.[5] Kwindi t-Tribunal ma jara l-ebda cirkostanza ghala r-rifjut tal-Kummissarju intimat ghandu jitqies bhala wiehed mhux validu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li din giet irtirata, u jilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[5] Ara sentenza esebita bhala Dok SZA2 a fol. 43 et seq.